**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

**MAĠISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Kumpilazzjoni Numru 472/2017**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Paul Camilleri)**

**vs**

**Tony Armando Zahra**

**Illum 20 ta' Diċembru, 2023**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra:

Tony Armando Zahra ta' 42 sena bin Freddie Alfred u Elizabeth Francis nee' Craig imwieled l-Ingilterra fil-21 ta' Lulju 1975 u joqgħod fil-Faċilita' Korretiva ta' Kordin u detentur tal-karta ta' l-identita' b'numru 72688M;

Billi int akkużat talli fil-25 ta' Awissu 2017 għall-ħabta ta' 11:45am u/jew ħinijiet wara ġewwa Ċella numru 17 diviżjoni 1 fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin u/jew f'dawn il-gżejjer;

1. Mingħajr il-ħsieb li toqtol jew li tqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar ikkaġunajt ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa u cioe' offiża ta' natura

gravi fuq il-persuna ta' Leon Borg skond ma ċċertifika t-tabib Dr Leigh Calleja Reg 3952 mill-isptar Mater Dei, liema ferita setgħat ġabet periklu tal-ħajja u ġabet mankament jew sfreġju fil-wiċċ ta' Leon;

2. U aktar talli fl-istess ċirkustanzi ħebbejt kontra Leon biex tinġurjah iddejqu jew taħgmillu ħsara kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi dispożizzjoni oħra tal-Kodiċi Kriminali ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess ċirkustanzi għamilt inġurji jew theddid lil Leon mhux imsemmijin band'oħra f'dan il-Kodiċi;

4. Ukoll talli irrendejt ruħek reċidiv ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti hi mitluba f'każ ta' ħtija tapplika l-Artiklu 33A tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti hija ġentilment mitluba biex f'każ ta' ħtija tipprovdi għas-sigurta' ta' Leon Borg u tapplika l-provvedimenti ta' l-Artikolu 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti kollha eżebiti u cioe' ċertifikat tat-twelid, fedina penali, kunsens ta' l-Avukat Ġenerali, cd kontendenti filmat, ċertifikat mediku, okkorrenza, stqarrija ta' l-imputat, rifjut għall-jedd tal-parir legali, sentenza datata 14 ta' Settembru 2017 u sentenza datata 11 ta' Mejju 2017 u ritratt;

Semgħet ix-xhieda;

Rat l-atti kolljha tal-kawża u d-dokumenti eżebiti;

Semgħet lill-Prosekuzzjoni u lid-difiża jitrattaw;

Rat li l-kawża tinsab differita għas-sentenza għal-lum;

**Ikkunsidrat:**

Illi f'dan il-każ apparti l-membri tal-Pulizija li investigaw il-każ u ma kienux preżenti fuq ix-xena, li xehdu biss biex jikkonfermaw dwar dak li ntqal lilhom, u konferma tar-rapport, xehdu l-Correctional Officers li kienu fuq il-post.

Dwar dan il-każ fil-fatt xehdu CO103 Franklin Zerafa, CO222 Dervin Vella, CO61 Saviour Bugeja li kollha kemm huma jiddikjaraw li waqt il-ħin ta' l-inċident, kien ħin l-ikel u bdew jisimgħu kommissjoni li ġejja miċ-ċella li fiha

Tony Armando Zahra u l-allegata vittma Leon Borg kienu residenti flimkien fiha.

Illi jirriżulta li f'daqqa waħda raw kommissjoni, u huma daħlu biex jifirqu lill-imputat u lil Leon Borg li huma jiddeskrivu kienu mqabbdin f'xulxin u qed jiġġieldu. It-tnejn kellhom il-ġrieħi, l-imputat kellu xi grif u Leon Borg kellu ġrieħi f'rasu.

Illi għalhekk jirriżulta li kemm Leon Borg u kemm Tony Armando Zahra daħlu fi ġlieda bejniethom dak in-nhar, iżda l-Qorti trid tistabbilixxi jekk il-ġrieħi li kien qed isofri minnhom Leon Borg ġewx ikkawżati minn Tony Armando Zahra stess.

Ix-xhieda okulari ta' x'ġara dak in-nhar eżatt huma tnejn. L-istess allegata vittma Leon Borg, li talab li jġi eżentat milli jixhed stante li għandu jew dak iż-żmien kellu proċeduri għaddejjin kontrih li jirrigwardaw l-istess inċident biex ma jinkriminax ruħu u aktar reċenti bħala xhud in difesa xehed Reuben Alessandro Abela li kien preżenti waqt l-inċident *de quo.*

Reuben Alessandro Abela jgħid li dak iż-żmien huwa kien residenti fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin u nqala argument bejn l-imputat Tony Armando Zahra u Leon Borg fuq xi flus. Hu jgħid li Leon Borg daħal fiċ-ċella u beda jargumenta u jiġġieled fil-konfront ta' l-imputat tant li beda jkisser l-affarijiet, u l-ġrieħi minnu sofferti kien għaliex wara t-television u weġġa' wiċċu tort ta' hekk. Fil-fatt jirrużulta mill-provi li t-television safa' mkisser u li ċ-ċella kellha oġġetti mkissra fiha.

Oltre dan u in konkordanza ma' dak illi xehed l-istess Reuben Alessandro Abela, xehed Dr Leigh Calleja li kien ra u eżamina l-grieħi ta' Leon Borg u ikkonferma li l-ġrieħi li kellu huma kompatibbli ma' *sharp trauma* voldieri ġraw għax il-ġilda ta' Leon iltaqgħet ma' *sharp edge.*

Fl-ebda ħin ma jirriżulta li Tony Armando Zahra kellu xi oġġett f'idejħ li bih beda jweġġa lil Leon Borg.

Issa jonqos il-filmat. Il-Qorti rat il-filmat u jirriżulta li jidher il-kuridur tad-diviżjoni fejn kienet sitwata ċ-ċella ta' Tony Armando Zahra u Leon Borg fejn hemmhekk kien qed isir xi tqassim ta' ikel u f'daqqa waħda jidħlu ammont ta' niex ġo ċella u xi gwardjani biex jikkalmaw is-sitwazzjoni, però l-ġlieda per se ma tidhirx u lil din il-Qorti ma tirriżultaliex kif inbidet u kif żvolġiet.

Illi għalhekk l-imputazzjonijiet kif inhuma ma jirriżultawx lil din il-Qorti.

**Decide:**

**Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti mhux qed issib lill-imputat ħati ta' l-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tiegħu u qed tilliberah minn kull ħtija u piena.**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Maġistrat**

**Maria Grech Cardona**
**Deputat Reġistratur**